MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru 919/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Melcom Spiteri)**
**vs**
**Ronald Rotin**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ronald Rotin**, iben Mario u Salvina nee' Agius, imwieled Pieta' fit-3 t'April, 1980, residenti f' 110, Triq il-Marlocc, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 225780(M);

Talli fis-7 t'April, 2005 ghall-habta tas-1.20 p.m gewwa Poala Square, Paola, ikkomettejt serq ta' telefon cellulari ghall-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin [Lm100] ghad-dannu ta' Russell Bugeja minn tas-Sliema, aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dana bi ksur ta' l-artikolu 267 u 271 (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll alluzat talli ksirt il-kundizzjonijiet ta’ probation imposti fuqek mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D fl-14 ta’ Frar, 2005, liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u nuqqas t’oggezzjoni tal-imputat biex il-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni, l-akkuza jirrizultaw u ghalhekk isibu hati taghhom;

Rat l-artikoli 261 (c) (g), 267, 271, 279u 281 tal-Kap 9, Reg 8 GN 292/1939 Taqsima VI Kap 101 u 22 u 23 Kap 446;

Il-Qorti qed tikkundannah ghall hlas ta’ multa ta’ Lm100 fuq it-tieni akkuzau inoltre ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur fuq l-ewwel akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------